**16 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Olaf Cini

## Bigamija

*Wiehed mill-estremi tar-reat tal-bigamija mhux biss l-eżistenza, iżda l-validita` ta' l-ewwel żwieġ.*

*Tribunal penali ma jkunx is-sede proprju li fiha tiġi diskussa u deċiża l-validita` o meno ta' żwieġ. Di fatti deċiżjoni minn tali tribunal fuq il-validita` o meno ta' żwieġ ma tagħmilx stat fiċ-ċivil. Għalhekk ikun jista' jiġri li wara li l-Qorti Kriminali tkun iddeċidiet li ż-żwieġ preċedenti kien validu u konsegwentement issib lill-akkużat ħati ta' bigamija, il-Qorti Ċivili tippronunzja n-nullita` ta' dak iż-żwieġ meta l-konjuġi erronjament ikkundannat bħala bigamu jkun skonta l-piena kollha jew in parti inflitta lilu mill-Qorti Kriminali għal reat li hu ma jkunx ikkommetta għaliex ineżistenti. Sitwazzjoni bħal din tkun ovvjament kontra l-ogħla dettami tal-ġustizzja kriminali.*

*Ir-*raison d'etre *tar-reat tal-bigamija ovvjament hu li jkun odjuż li raġel fl-istess ħin ikun miżżewweġ ma' iktar minn mara waħda u mara ma' aktar minn raġel wieħed. Il-leġislatur għalhekk jivvjeta l-bigamija. Il-leġislatur jikkunsidra l-ksur ta' dan id-divjet bħala oltraġġ di fronti l-konjuġi li tiġi ngannata u ttradita mill-parti bigama, u bħala attakk kontra l-bon ordni tal-familja, in kwantu li l-bigamu jilledi l-unita` taż-żwieġ protetta mil-leġislatur fl-interess anke pubbliku. Għalhekk il-leġislatur jivvjeta l-bigamija u jippunixxi lil min jikkommettiha.*

*Mhux konċepibbli li ħsara bħal din, lill-konjuġi, lill-familja u lill-ordni pubbliku tissuċċiedi f'każ li ż-żwieġ preċedenti ma jkunx validu.*

*Jiġifieri f'każ li l-ewwel żwieġ, għalkemm jista' jkun "leġittimu", ikun null, allura ma jkunx hemm lok għall-protezzjoni tal-familja u tas-soċjeta`, proprju għaliex dawn ma jkunux ġew realment leżi. Konsegwentement ma tistax tkun l-intenzjoni tal-leġislatur li jimponi piena f'każ li l-ewwel żwieġ ma jkunx validu, f'każ jiġifieri fejn hemm żwieġ wieħed biss validu, u għalhekk fir-realtà m'hemmx bigamija. Għalhekk, l-element in kwistjoni tar-reat tal-bigamija huwa żwieġ preċedenti validu, mhux biss leġittimu.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tad-9 ta' April, 1996 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat ħati li filwaqt li kien għadu fis-seħħ iż-żwieġ leġittimu tiegħu ma' Rosalie Cini nee` De Celis, għamel żwieġ ieħor ma' Amalia Tzaka fis-7 ta' Novembru, 1993 u kkundannatu sentejn priġunerija bit-tnaqqis tal-perijodu li fih l-imputat għamel taħt arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u "tillibera lill-esponent minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas u in linea mal-ġurisprudenza kostanti dwar il-materja tibgħat lura l-atti ta' din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' kriminali ġudikatura bioex din tagħti żmien ħalli tkun tista' tinġieb 'il quddiem il-kawża dwar il-validita` o meno ta' l-ewwel żwieġ ta' l-esponent quddiem il-Qorti kompetenti u biex fil-frattemp dik il-Qorti tissoprassjedi sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar il-validita` o meno ta' l-ewwel żwieġ ta' l-esponent u fin-nuqqas, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, tagħti piena oħra li tkun tagħmel aktar għall-każ";

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra:

Kif jidher mill-premess, it-talbiet ta' l-appellant fir-rikors

tiegħu, apparti t-talba għar-revoka tas-sentenza appellata, huma tnejn alternattivi. L-ewwel waħda hija li din il-Qorti tilliberah minn kull ħtija u piena dwar l-imputazzjoni dedotta kontrih. It-tieni talba hija li din il-Qorti tibgħat lura l-atti lill-Ewwel Qorti biex dik il-Qorti tagħti żmien ħalli tkun tista' tinġieb 'il quddiem kawża dwar il-validita` o meno ta' l-ewwel żwieġ ta' l-appellant quddiem il-Qorti kompetenti u biex fil-frattemp dik l-istess Qorti tissoprasjedi sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar il-validita` o meno ta' l-ewwel żwieġ ta' l-appellant;

Jikkonvjenni li din il-Qorti tibda biex tikkunsidra t-tieni talba ta' l-appellant, dik jiġifieri tar-rinviju ta' l-atti lill-Ewwel Qorti. Fir-rigward ta' din it-talba, l-fatti fil-qosor huma dawn:

Fit-18 ta' Novembru, 1994, l-imputat eċċepixxa in linea preliminari n-nullita` ta' l-ewwel żwieġ allegat tiegħu u ssottometta illi skond il-ġurisprudenza kostanti għandha ssir kawża *ad istanza* ta' l-Avukat Ġenerali biex tiġi stabbilita l-validita` jew le taż-żwieġ preċedenti bħala element kostituttiv tar-reat tal-bigamija;

Fis-7 ta' Diċembru, 1994 l-imputat eċċepixxa l-inkompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tiddeċidi l-eċċezzjoni ssollevata minnu dwar in-nullita` ta' l-ewwel żwieġ;

B'deċiżjoni tat-18 ta' Jannar, 1995 l-Ewwel Qorti ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet premessi, ċjoe` dik ta' l-inkompetenza ta' l-istess Qorti li tiddeċidi l-eċċezzjoni tan-nullita` ta' l-ewwel żwieġ ta' l-imputat u dik l-istess eċċezzjoni tan-nullita` ta' dak iż-żwieġ;

Wara dik id-deċiżjoni, l-Ewwel Qorti pproċediet fit-trattazzjoni tal-kawża, sad-9 ta' April, 1996 meta ppronunzjat

is-sentenza appellata;

Jiġi rrilevat li fir-rikors tiegħu ta' l-appell, l-appellant ma għamel ebda talba speċifika għar-revoka tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti tat-18 ta' Jannar, 1995 li biha ġew miċħudin iż-żewġ eċċezzjonijiet tiegħu fuq imsemmijin. Din id-deċiżjoni pero` hija realment digriet interlokutorju u l-appell ta' l-appellant mill-meritu jimplika appell ukoll minn dak id-digriet (artikolu 415 (4) tal-Kodiċi Kriminali);

Effettivament bit-talba tiegħu, in eżami, għar-rinviju ta' l-atti biex l-Ewwel Qorti tissoprassjedi sakemm il-validita` o meno ta' l-ewwel żwieġ tiġi deċiża mill-Qorti kompetenti, l-appellant qiegħed jimmantjeni l-eċċezzjoni tan-nullita` ta' l-ewwel żwieġ tiegħu u l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti li tiddeċidi dik l-eċċezzjoni;

L-appellant jibbaża ż-żewġ eċċezzjonijiet tiegħu fuq l-awtorita` ta' tliet sentenzi tal-Qrati tagħna u ċjoe` **Rex *vs* Nicola Cassar** tat-22 ta' Frar, 1922, **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* John Abela** tat-8 ta' Frar, 1985 u **Rex *vs* Edmund James Doyle** tat-18 ta' Ottubru, 1926. L-ewwel tnejn minn dawn is-sentenzi ġew mogħtija minn din il-Qorti ta' l-Appell, naturalment kif ippresjeduta diversament mil-lum. Fit-tliet sentenzi ġie ritenut li fuq akkuża ta' bigamija, jekk l-akkużat jeċċepixxi n-nullita` taż-żwieġ tiegħu preċedenti, din l-eċċezzjoni li tirrigwarda l-validita` o meno ta' dak iż-żwieġ, ma għandhiex tiġi deċiża mill-Qorti Kriminali. Minflok, dik il-Qorti għandha tissospendi l-ġudizzju penali sakemm tiġi deċiża definittivament il-kwistjoni dwar il-validita` jew le ta' l-ewwel żwieġ mill-Qorti kompetenti li hija l-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili;

Id-deċiżjonijiet premessi huma bbażati fuq is-segwenti argumentazzjoni. Ir-reat tal-bigamija huwa kkontemplat fl-

artikolu 196 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi:

"Min mill-miżżewġin, filwaqt li jkun iseħħ żwieġ leġittimu, jagħmel żwieġ ieħor, jeħel, meta jinstab ħati ...";

Di fronti dan it-test tal-liġi għandu jiġi ritenut bħala wieħed mill-estremi tar-reat tal-bigamija mhux biss l-eżistenza, iżda l-validita' ta' l-ewwel żwieġ;

Tribunal penali ma jkunx is-sede proprja li fiha tiġi diskussa u deċiża l-validita' o meno ta' żwieġ. Di fatti deċiżjoni minn tali tribunal fuq il-validita' o meno ta' żwieġ ma tagħmilx stat fiċ-ċivil. Għalhekk ikun jista' jiġri li wara li l-Qorti Kriminali tkun iddeċidiet li ż-żwieġ preċedenti kien validu u konsegwentement issib lill-akkużati ħati ta' bigamija, il-Qorti Ċivili tippronunzja n-nullita' ta' dak iż-żwieġ meta l-konjuġi erroneament ikkundannat bħala bigamu jkun skonta l-piena kollha jew in parti inflitta lilu mill-Qorti Kriminali għal reat li hu ma jkunx ikkommetta għaliex ineżistenti. Sitwazzjoni bħal din tkun ovvjament kontra l-ogħla dettami tal-ġustizzja kriminali;

Il-premessi huma fil-qosor l-argumenti esposti minn din il-Qorti fis-sentenza in re **Rex kontra Nicola Cassar** hawn fuq ċitata u riportata fil-Volum XXV parti IV paġna 812. Dawn l-argumenti, li ġew segwiti fiż-żewġ każijiet l-oħra hawn fuq ukoll ċitati, wasslu għall-konklużjoni li f'każ li l-akkużat fuq akkuża ta' bigamija jeċċepixxi n-nullita' taż-żwieġ preċedenti, l-Qorti kriminali għandha tissoprassjedi sakemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddeċidi dwar il-validita' o meno ta' dak iż-żwieġ fuq talba appożita mill-Avukat Ġenerali;

L-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha msemmi tat-18 ta' Jannar, 1995 ma taqbilx ma' din il-konklużjoni. Issostni li r-

*ratio decidendi* li fuqu tistrieħ il-proċedura tas-soprasessjoni fuq indikata hija bbażata fuq premessa erronea. L-Ewwel Qorti tiċċita l-bran segwenti mill-artikolu 196 tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoe' :

"Min mill-miżewġin, filwaqt li jkun iseħħ żwieġ leġittimu, jagħmel żwieġ ieħor ..";

Dik il-Qorti tissottolinea l-kelma "leġittimu" f'dak il-bran, u tkompli biex tinnota li l-element essenzjali prinċipali espressament rikjest u volut mill-imsemmi artikolu biex jeradika l-eżistenza tar-reat tal-bigamija hu li l-akkużat irid ikun ġa' marbut bi żwieġ leġittimu, meta jikkonkludi t-tieni żwieġ. Tkompli tgħid l-Ewwel Qorti li huwa għalhekk paċifiku li l-validita' o meno ta' l-ewwel żwieġ mhix rikjesta *expressis verbis* mill-imsemmi artikolu, anzi addirittura mhi rikjesta mkien - *quod lex voluit, dixit*;

L-Ewwel Qorti tirritjeni li l-posizzjoni legali enunċjata fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata hi naxxenti minn konfużjoni konċettwali u lingwistika bejn il-kliem "leġittimu" u "validu";

Wara argumentazzjoni erudita, l-Ewwel Qorti tikkonkludi li l-leġittimita' o meno ta' l-ewwel żwieġ, indipendentement mill-validita' o meno tiegħu, hija element essenzjali kostituttiv tar-reat tal-bigamija u li allura hija l-prerogattiva ta' Qorti ta' *indole* kriminali li tiddibatti, tiddelibera u tiddeċidi fuq tali element;

Din il-Qorti ta' l-Appell bir-rispett ma taqbilx mat-teżi premessa ta' l-Ewwel Qorti. Taqbel ma' dak li ntqal hawn fuq (paragrafu 10), jiġifieri li di fronti t-test ta' l-artikolu 196 ċitat, għandu jiġi ritenut bħala wieħed mill-estremi tar-reat tal-bigamija mhux biss l-eżistenza, ċjoe' l-leġittimita' taż-żwieġ

preċedenti, iżda l-validita' tiegħu;

Effettivament fil-Kodiċi Kriminali r-reat tal-bigamija huwa kkontemplat fl-artikolu 196. Dana jinsab inkluż fit-Titolu intestat "Fuq id-Delitti li Jattakkaw il-Bon Ordni tal-Familji" u fis-subartikolu intestat "Fuq id-Delitti li Għandhom X'jaqsmu mad-Dmirijiet tal-Membri tal-Familji lejn Xulxin";

Ir-*raison d'être* tar-reat tal-bigamija ovvjament hu li jkun odjuż li raġel fl-istess ħin ikun miżżewweġ ma' iktar minn mara waħda u mara ma' iktar minn raġel wieħed. Il-leġislatur għalhekk jivvjeta l-bigamija. Kif jidher ċar mill-intestazzjoni tat-Titolu u s-Sub-Titolu fuq imsemmija, il-leġislatur jikkunsidra l-ksur ta' dan id-divjet bħala oltraġġ di fronti l-konjuġi li tiġi ngannata u ttradita mill-parti bigama u bħala attakk kontra l-bon ordni tal-familja in kwantu li l-bigamu jilledi l-unita' taż-żwieġ protetta mil-leġislatur fl-interess anke pubbliku. Għalhekk il-leġislatur jivvjeta l-bigamija u jippunixxi lil min jikkommettiha;

Mhux konċepibbli li ħsar bħal din, lill-konjuġi, lill-familja u lill-ordni pubbliku tissuċċiedi f'każ li ż-żwieġ preċedenti ma jkunx validu. Jiġifier f'każ li l-ewwel żwieġ, għalkemm jista' jkun "leġittimu", jkun null, allura ma jkunx hemm lok għall-protezzjoni tal-familja u tas-soċjetà, proprju għaliex dawn ma jkunux ġew realment leżi. Konsegwentement, ma tistax tkun l-intenzjoni tal-leġislatur li jimponi piena f'każ li l-ewwel żwieġ ma jkunx validu, f'każ jiġifieri fejn hemm żwieġ wieħed biss validu u għalhekk fir-realta' m'hemmx bigamija;

Għalhekk proprju kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza ċitata, l-element in kwistjoni tar-reat tal-bigamija huwa żwieġ preċedenti validu, mhux biss leġittimu. Konsegwentement, fuq l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' dan iż-żwieġ, issollevata mill-

akkużat preżenti, l-Ewwel Qorti bir-rispett, kellha ssegwi l-proċedura premessa fil-paragrafu 9 hawn fuq u dan għar-raġunijiet esposti fil-paragrafi 10, 11 u 12 ta' din is-sentenza;

In vista tal-premess l-Ewwel Qorti ma kinitx kompetenti biex tiddeċidi l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' l-ewwel żwieġ ta' l-imputat appellant, u għalhekk id-digriet tat-18 ta' Jannar, 1995 għandu jiġi rrevokat. Inoltre l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċidi l-meritu tal-kawża, kif għamlet bis-sentenza appellata, qabel ma tkun ġiet deċiża l-eċċezzjoni msemmija;

Raġġunta l-konklużjoni premessa, din il-Qorti f'dan l-istadju, meta l-istess eċċezzjoni għadha mhix deċiża, ma tistax tipproċedi biex tittratta t-talba ta' l-appellant għal-liberazzjoni tiegħu mill-imputazzjoni;

Għall-motivi premessi tilqa' l-appell billi:

Tiddikjara nulla s-sentenza appellata u għalhekk tirrevokaha;

Tirrevoka d-digriet mogħti fit-18 ta' Jannar, 1995 li bih l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' l-ewwel żwieġ ta' l-appellant u l-eċċezzjoni tiegħu ta' l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti biex tiddeċidi l-eċċezzjoni tan-nullita' msemmija u minflok tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti biex tiddeċidi kif imsemmi; u

Tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura biex din tagħti żmien lill-Avukat Ġenerali biex jipproċedi quddiem il-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili għad-deċiżjoni dwar il-validita' o meno ta' l-ewwel żwieġ ta' l-appellant u biex l-istess Qorti tal-Maġistrati tissoprassjedi sakemm ikun hemm deċiżjoni

definittiva dwar il-validita` o meno taż-żwieġ imsemmi.